MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 167/2005

**Adriana sive Diane Vella f'isimha u ghan-nom u fl-interess ta' Dylan u Erica Dacoda ahwa Vella**

**Vs**

**Stephen Vella**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attrici li bih, wara li ppremettiet:

Illi in forza ta' att pubbliku datat 23 ta' April, 1998, in atti Nutar Dr. Marco Burlo`, il-partijiet kontendenti ottjenew is-separazzjoni personali; u

Illi permezz ta' klawsola numru tnejn sub-inciz sitta (2) (vi) ta' l-imsemmi att, il-konvenut intrabat li jhallas manteniment lill-attrici ghaz-zewg ulied minuri fl-ammont

ta’ erbghin Lira Maltin (Lm40) fil-gimgha pagabbli kull xahar bil-quddiem; u

Illi l-konvenut naqas minn dan l-obbligu li jhallas il-manteniment kif miftiehem, u kien qed ihallas biss ammont ridott ta’ hmistax-il Lira Maltin (Lm15) fil-gimgha, u dan b’effett mill-21 ta’ Gunju, 2000, b’segwitu ta’ digriet moghti mill-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-atti tal-kawza fl-ismijiet “Stephen Vella vs Adriana Vella pro et noe (Cit. No. 1277/99 RCP), liema digriet sussegwentement gie revokat *contrario imperio* permezz ta’ sentenza moghtija fl-atti ta’ l-istess kawza deciza fis-16 ta’ Dicembru, 2004, u li permezz ta’ l-istess kawza l-konvenut gie ordnat illi jhallas l-arretrati kollha jew il-bilanc ta’ l-istess arretrati minnu dovuti lill-attrici skond id-disposizzjonijiet ta’ l-istess kuntratt; u

Illi l-arretrati ta’ manteniment dovuti lill-attrici ghaz-zewg minuri b’effett mill-21 ta’ Gunju, 2000, sat-13 ta’ Frar, 2005, jammontaw ghal sebat elef, hames mija, tnejn u tletin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm7,532.25), u dan kif jirrizulta mill-prospett mehmuz; u

Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat sabiex ihallas is-somma hekk dovuta, baqa’ inadempjenti; u

Illi fil-fehma ta’ l-attrici, il-konvenut m’ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talbiet attrici.

Talbet illi din il-Qorti:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta’ l-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ sebat elef, hames mija u tnejn u tletin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm7,532.25) lill-attrici rapprezentanti arretrati ta’ manteniment dovuti ghall-minuri ghall-perjodu mill-21 ta’ Gunju, 2000, sat-13 ta’ Frar, 2005.

Bl-ispejjez inkluz ta’ l-ittra interpellatorja datata 25 ta’ Jannar, 2005, u bl-imghax legali mill-21 ta’ Gunju, 2000, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat illi l-konvenut ammetta t-talbiet wara li l-qorti fissrithomlu;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut, tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------